MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 1411/2004

**Middlesea Insurance p.l.c. (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmelina Bonett sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Carmelina Bonett**

**Vs**

**Jennifer Grech**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta Lulju 2004 fejn intalab li l- konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' erba mija u sitta u hamsin lira hamsa u sebghin centezmu (Lm456.75) rapprezentanti valur ta danni sofferti minnhom f'incident stradali li sehh fit-28 ta Awissu 2003 fi triq il-Keffa kantuniera ma Triq Quqija Swieqi bejn vettura numru JBC 454 misjuqa mill-konvenuta u vettura numru BAR 514 misjuqa minn Michela Bonett u proprjeta tal-attrici Carmelina Bonett. Ghal liema ncident inti kont unikament responsabbli.

Bl-ispejjes inkluzi dwak tal-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra s-socjeta assikuratrici tal-konvenuta u bl-imghaxijiet kontra l-istess konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta datata 18 ta Novembru 2004 fejn gew kontestati t-talbiet attrici peress li tallega li hi ma kinietx tahti ghall-imsemmi ncident stradali stante li l-habta sehhet minnhabba tortijiet tas-sewwieqa tal-vettura bin-numru BAR 514 u b'riserva tal-prezentata ta eccezzjonijiet ohra.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

It-Tribunal jinnota li s-sewwieqa tal-vettura tal-attrici u l-istess attrici baqghu ma tawx il-verzjoni taghhom ta kif sehh l-incident in kwistjoni. Dwar l-akkadut it-Tribunal jista jistrieh biss fuq il-verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa a tempo vergine lis-surgent tal-pulizija PS 113 Aquilina li kkonferma l-istess bil-gurament tieghu, l-iskizz mhejji minnu Dok EA2, il-hsarat fuq il-vetturi u x-xhieda tal-konvenuta Grech.

Illi ma hemmx dubbju li l-incident sehh meta z-zewg sewwieqa kienu ghaddejja fl-istess triq (Triq il-Keffa) bil-konvenuta fuq quddiem u Bonett warajha u l-impatt bejn iz-zewg vetturi nqala fil-mument meta l-konvenuta giet biex iddur lejn Triq il-Quqija. Mill-iskizz Dok EA2 u mill-hsarat tal-vetturi kif rappurtati Dok EA1 jirrizulta li l-konvenuta kellha hsara fuq in-naha ta wara u l-attrici fuq in-naha ta quddiem. Dan jinsab ikkonfermat ukoll mill-konvenuta fix-xhieda taghha li wkoll qal bil-gurament taghha x'prekawzjonijiet kienet hadet qabel ma giet biex iddur lejn triq il-Quqija. Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li l-incident in kwistjoni sehh unikament minnhabba nuqqas ta attenzjoni ta Michela Bonett li kienet qed issuq il-vettura tal-attrici u kif ukoll peress li jidher li ma zammitx distanza adegwata bejnha u l-vettura ta qabilha.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jakkolji l-eccezzjoni tal-konvenuta, jiddikjara li Michela Bonett bint l-attrici Carmelina Bonett kienet unikament responsabbli tal-incident stradali in kwistjoni u konsegwentement ghalhekk qed jirrespingi t-talbiet attrici bl-ispejjes kollha ta dina d-decizjoni ghandhom jigu sopportati mill-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------